A.L. 438 ta' l-2004

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-2004 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-26 ta' Awissu, 2004.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċiet ta' art li jagħmlu parti mill-*Home Ownership Scheme* tan-Naxxar-Għargħur, limiti Għargħur, immarkati A, B u C, kif indikati delineati bl-aħmar u rispettivament immarkati fuq P.D. 9_99_2 kif ġej:

(a) biċċa art murija mmarkata A u magħrufa bħala Sit A, ta' madwar 2,092 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq l-Isqof S. Gaffiero, minn Nofs-in-nhar ma' Triq Giovanni Gafà, u mill-Punent ma' Triq tal-Ġonna, liema art kienet tifforma parti minn art tal-Gvern akkwistata bis-saħħa ta' l-att Nru. 137/96 datat 24 ta' Lulju, 1996, fl-atti Nutar Vincent Miceli;

(b) biċċa art murija mmarkata B u magħrufa bħala Sit B, ta' madwar 3,011 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq l-Isqof S. Gaffiero, minn Nofs-in-nhar ma' Triq Giovanni Gafà, u

mil-Lvant ma' Triq Antonio Zammit, liema art kienet tifforma parti minn art tal-Gvern akkwistata bis-saħħa ta' l-att Nru. 137/96 datat 24 ta' Lulju, 1996, fl-atti Nutar Vincent Miceli; u

(ċ) biċċa art murija mmarkata C u magħrufa bħala Sit C, ta' madwar 2,393 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq Giovanni Gafà, minn Nofs-in-nhar ma' Triq ix-Xwieki, u mill-Punent ma' Triq Gaspare Formica, liema art kienet tifforma parti minn art tal-Gvern akkwistata bis-saħħa ta' l-att Nru. 137/96 datat 24 ta' Lulju, 1996 u 4/89 datat 11 ta' Jannar, 1989, iż-żewġ atti jinsabu fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli. (HAM 175/82).

(2) Dar bin-numru 21, Triq l-Inġinieri, Valletta (Tenement No. 83001K - RTB 288/2002).

(3) Dar bin-numru 32, Triq Xewk il-Għotba, Żejtun (Tenement No. 67424 - HA 710/95).

(4) Fond bin-numru 112, Triq l-Ifran, Valletta (J.O. No. R/0003/1997; Titolu Nru. 01000420).

(5) Fond bin-numru 7, Triq l-Ispiżjar Joseph Sciberras, Msida (J.O. No. R/0030/1999; Titolu Nru. 41001126).

(6) Fond bin-numru 12, Triq l-Ispiżjar Joseph Sciberras, Msida (J.O. No. R/0717/1997; Titolu Nru. 41000879).

(7) Fond bin-numru 17/18, Triq l-Ispiżjar Joseph Sciberras, Msida (J.O. No. R/0067/1997/ Titolu Nru. 41000972).

(8) Fond bin-numru 25, Triq l-Ispiżjar Joseph Sciberras, Msida (J.O. No. R/1007/1997; Titolu Nru. 41000963).

(9) Fond bin-numru 26, Triq l-Ispiżjar Joseph Sciberras, Msida (J.O. No. R/0756/1997; Titolu Nru. 41000817).

(10) Fond bin-numru 48, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida (J.O. No. R/0061/1997; Titolu Nru. 41000820).

(11) Fond bin-numru 49, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida (J.O. No. R/1355/1997; Titolu Nru. 41000553).

(12) Fond bin-numru 63, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida (J.O. No. R/0084/1997; Titolu Nru. 41000928).